IL-BIRGU

Città Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa b'urġenza
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 60

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sebgħa ta' waranofsinhar (7:00pm) nhar **it-Tnejn 8 ta' Mejju 2023**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**60.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

60.1.1 Ebda ittri ta' apoloġija.

**60.2 Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031**

60.2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li sejjaħ b'urġenza din il-laqgħa peress li fil-laqgħa tar-Reġjun Port nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju 2023, irrid jagħti risposta ta' kemm il-kunsill lokali ser jalloka fondi sabiex tiġi ffurmata l-Fondazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 li trid tipprepara l-*bid-book* għal din in-nominazzjoni.

60.2.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li jekk il-kunsill ma jivvutax fondi għal din il-fondazzjoni, ikun qed iwassal il-messaġġ li mhux interessat f'din l-applikazzjoni u għaldaqstant jaqbel li għandu jkun hemm *budget* ma' dak li diġà ġie deċiż fil-laqgħa tar-Reġjun Port, sabiex tkun tista' tiffunzjona l-Fondazzjoni.

60.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-accountants tal-kunsill diġà wissew li l-kunsill għandu jżomm lura minn spejjeż addizzjonali u anke spejjeż żejda għax l-estimi finanzjarji (Budget Plan 2023) diġà qed jindikaw li l-kunsill se jispiċċa b'defecit. Għaldaqstant il-kunsill lokali għandu jżomm u jikkontrolla l-ispiża tiegħu peress li l-allokazzjoni finanzjarja baqgħet li kienet minkejja li l-ispejjeż għolew.

60.2.4 Is-Sindku ippropona li l-kunsill lokali ma joħroġx aktar minn ħamsin elf Ewro (€50,000) għal din il-fondazzjoni li magħhom għandhom jiżdiedu fondi mir-Reġjun Port u mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-kunsilliera qablu ma din il-proposta u għaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Birgu se jkun qed jalloka ħamsin elf Ewro (€50,000) għall-Fondazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

**60.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

60.3.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta` filgħaxija (8:00pm) u ma ġietx skedata data għal-laqgħa li jmiss.

Konfermati llum: **15 ta' Ġunju 2023.**

**IFFIRMATA**

John Boxall
**Sindku**

**IFFIRMATA**

Christian Lawrence Raggio Vella
**Segretarju Eżekuttiv**